# Il-Mancozeb

MCCAA
MALTA COMPETITION AND
CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

**X'inhu il-mancozeb?**
**Is-sustanza attiva mancozeb tintuża kontra l-moffa.**

**Liema prodotti jintużaw Malta li fihom il-mancozeb?**
**AXIL M WG, AVTAR 75 NT, COTRAN 30-20, CURZATE M WHITE, DITHANE DG NEOTEC, DITHANE M-45, ELIOS, FANTIC M, FORTUNA GOLD, FOSBEL PLUS, FILDER 69 WG, NAUTILE DG, PENNCOZEB DG, PROFILUX, RIDOMIL GOLD MZ WG, VALIS M.**

**Il-bejgħ u l-użu tal-ħazna tal-prodotti li fadal.**
**Prodotti maħżuna jistgħu jinbiegħu sa mhux aktar tard mill-4 ta' Lulju tal-2021 u jistgħu jintużaw sa mhux aktar tard mill-4 ta' Jannar tal-2022.**

**Għaliex?**
**Studji li saru qed juru li din is-sustanza hija tossika għas-sistema ta' riproduzzjoni u għas-sistema ormonali fil-bniedem.**

**X'jista' jintuża minflok?**
**Ġiet imfassla lista dettaljata ta' prodotti oħra, li jistgħu jintużaw skont it-tip ta' moffa li trid tiġi kkontrollata, fuq il-frott jew il-ħaxix partikolari. Kopja tal-lista tista' tinġabar mill-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA), Blata l-Bajda jew titniżżel mill-*website* www.mccaa.org.mt**

**Aktar informazzjoni?**
**Għal aktar informazzjoni ċempel l-MCCAA fuq 23952000 jew ibgħat posta elettronika fuq trd.mccaa@mccaa.org.mt**

# Il-Mancozeb

MCCAA
MALTA COMPETITION AND CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

## Sustanza

Is-sustanza inkwistjoni hija mancozeb li hija approvata fl-Unjoni Ewropea sa Jannar tal-2021 u li tista' tintuża sa mhux aktar tard mill-4 ta' Jannar 2022. Meta din is-sustanza tiġi f'kuntatt mal-moffa, din taffettwa iċ-ċelloli tal-moffa u toqtolha. Mancozeb jintuża fuq prodotti li joriġinaw mill-pjanti.

## Tħassib

Wara evalwazzjoni ta' studji, instab li din is-sustanza għandha effetti tossiċi fuq is-sistema ta' riproduzzjoni, kif ukoll fuq is-sistema ormonali tal-bniedem. Għaldaqstant din is-sustanza għandha effetti ħżiena ħafna fuq is-saħħa tan-nies.

## Użu tas-sustanza f'Malta

Mhux se jkun permess il-bejgħ ta' prodotti li fihom is-sustanza mancozeb, wara l-4 ta' Lulju 2021. L-użu ta' prodotti li fihom il-mancozeb mhux se jkun permess wara l-4 ta' Jannar tal-2022. Dan se jsir sabiex jassigura is-saħħa tal-konsumatur u kif ukoll tal-bidwi.

## Frott u ħaxix lokali

Minn Jannar tal-2022, il-frott u ħaxix mhux se jkun jista' jiġi mibxux bil-mancozeb. Dan se jsir sabiex jassigura li l-frott u l-ħaxix imkabbar lokalment ikunu aktar siguri meta jiġu kkunsmati.

## Kif se jiġi assigurat dan?

Kontrolli li jsiru regolarment għand distributuri tal-prodotti għal ħarsien tal-pjanti se jassiguraw li wara l-4 ta' Lulju tal-2021, prodotti li fihom din is-sustanza mhux se jibqgħu jiġu mibjugħa. Barra minn hekk, isiru kontrolli fejn jiġi ttestjat l-ikel li jitpoġġa fuq is-suq għal residwi ta' pestiċidi li jinkludu, fost sustanzi oħrajn, il-mancozeb. Wara Jannar tal-2022, fejn jirriżulta, li hemm il-mancozeb, jittieħdu passi neċessarji sabiex tali prodotti ma jitħallewx fis-suq.

Barra minn hekk, bdiewa lokali li jagħmlu użu minn pestiċidi għall-użu professjonali, għandhom l-obbligu li jattendu korsijiet dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi. Fost informazzjoni oħra, il-bdiewa jiġu nfurmati fuq l-obbligi relatati ma' prattika tajba u s-sigurtà fl-użu tal-bexx.

## Xi prodotti jistgħu jintużaw minflok dawk li fihom sustanza attiva mancozeb?

Ġiet ippreparata lista li fiha hemm inklużi prodotti alternattivi li jistgħu jintużaw skont l-uċuħ u l-moffa partikolari li jridu jiġu kkontrollati. Il-lista tista' tinstab fuq il-*website* [www.mccaa.org.mt](http://www.mccaa.org.mt) jew tista' tingħabar mill-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA), Mizzi House, Triq Nazzjonali, il-Blata l-Bajda.

## Għandek bżonn aktar informazzjoni?

Għal aktar informazzjoni tista' iċċempel l-MCCAA fuq 23952000 jew tibgħat posta elettronika fuq [trd.mccaa@mccaa.org.mt](mailto:trd.mccaa@mccaa.org.mt)